II

(Atti adottati skond it-Trattati tal-KE/Euratom li l-pubblikazzjoni tagħhom mhijiex obbligatorja)

DEĊIŻJONIJIET

KUNSILL

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

tal-25 ta' Mejju 2007

li taħtar membru supplenti Belġjan fil-Kumitat tar-Reġjuni

(2007/401/KE)

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA:

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 263 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Gvern Belġjan,

Billi:

(1) Fl-24 ta' Jannar 2006, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni 2006/116/KE li taħtar il-membri u l-membri supplenti fil-Kumitat tar-Reġjuni għall-perijodu mis-26 ta' Jannar 2006 sal-25 ta' Jannar 2010 [1].

(2) Post ta' membru fil-Kumitat tar-Reġjuni wara r-riżenja tas-Sur CEREXHE sar vakanti,

IDDEĊIEDA:

Artikolu 1

Is-Sinjura Evelyne HUYTEBROECK, Ministru ta' l-Ambjent, l-Enerġija, it-Turiżmu u l-Għajnuna għall-Persuni tal-Gvern tar-Reġjun ta' Bruxelles-Capitale, hija maħtura bħala membru supplenti tal-Kumitat tar-Reġjuni, biex tissostitwixxi lis-Sur CEREXHE, għall-bqija tal-mandat li baqa', jiġifieri sal-25 ta' Jannar 2010.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha jkollha effett mill-jum ta' l-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi Brussel, 25 ta' Mejju 2007.

Għall-Kunsill

Il-President

A. SCHAVAN

[1] ĠU L 56, 25.2.2006, p. 75.